MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. JACQUELINE PADOVANI

Seduta ta' l-20 ta' Ottubru, 2005

Numru. 483/2002

PULIZIJA
SPETTUR RAYMOND D’ANASTASI
VS
JOSEPH GRECH

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Joseph Grech, ta’ 47 sena, bin Joseph u Beneditta nee’ Debattista, imwieled Hal Luqa fil-11 ta’ Gunju 1955, u residenti 87, Triq il-Gdida, Hal Luqa, u detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 480655(M), u akkuzat talli fit-18 ta’ Mejju 2002 f’Hal Qormi, ghall-habta tal-hamsa u nofs ta’ wara l-ikel, volontarjament ikkaguna feriti ta’ natura gravi fuq persuna ta’ Andrea Gatt, u dan skond kif iccertifika it-tabib Konrad Borg MD tal-Isptar San Luqa, u dan ai termini tal-Artikli 216 tal-Kap 9.

Akkuzat ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi filwaqt li kien qed jaghmel delitt kontra l-persuna, kellu fil-pussess tieghu strument li jaqta’ u bil-ponta.

U aktar talli fl-istess cirkostanzi indikati hawn fuq, kellu fil-pussess tieghu strument li jaqta’ u bil-ponta minghajr il-licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija.

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi hebb ghall-imsemmija Andrea Gatt sabiex jingurjah, idejqu jew jaghmlu hsara.

U fl-ahhar akkuzat ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi imbotta lil Andrea Gatt fit triq biex iwegghu jew jinsultah.

Il-Qorti kienet gentilment mitluba illi f’kaz ta’ htija tipprovdi ghas-sigurta’ ta’ Andrea Gatt u l-familja tieghu, u dan skond l-Artiklu 383 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali u tal-imputat sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Illi mix-xhieda tal-Prosekuzzjoni jirrizulta illi fit-18 ta’ Mejju 2002, inqala’ ncident fil-Marsa Sports Ground fejn safa vittma Andrea Gatt li qal li qala’ xeba’ u li ntuza mus u zokk kbir biex sar dan. Spettur d’Anastasi, xehed a fol 8 et seq, illi Gatt kellu wiccu sfigurat addirittura. Illi ghaldaqstant kien baghat ghal l-imputat Joseph Grech, li rrilaxxa stqarrija dokument RD1 a fol 13. L-imputat cahad li kellu xi mus u cahad ukoll illu uza ghaslug fit-taqbida ma’ Andrea Gatt, u nforma lill-Ufficjal Prosekutur illi huwa u Andrea Gatt kellhom xi jghidu ‘it-tnejn taw u t-tnejn qalghu.’

Fl-istqarrija tieghu, l-imputat qal li kien inqala' xi ncident dwar xi xoghol tar-raba' xi gimghat qabel l-incident de quo. Mill-post tal-incident, gie elevat ghaslug illi gie esebit bhala dokument RD. L-imputat fl-istqarrija tieghu, a fol 13, jghid is-segwenti:

'Jien kont ghaddej mill-Marsa u cioe' minn hdejn il-Marsa Sports Ground, fejn jilaghbu l-golf, u hu (Andrea Gatt), kien niezel gej minn naha l-ohra. Meta wasal hdejja, qedtlu 'hawn Dri', u dan biex nara jekk ikellimnix. Fil-pront qabad joffendini, u f'*** kemm ghandi u aktar u jien qedtlu l-ghaliex qed jghid hekk. Qalli ghax jien irrid ingelldu ma' Godwin, dak il-hin hu qabad ixejjerli bil-virga li kellu, dan laqatni pero' rnexxili nehodhielu u rmejtha 'l hemm. Qbadna naghtu bl-idejn, u meta spiccajna kulhadd telaq ghal rasu, it-tnejn qlajna u t-tnejn tajna. Filfatt jien sofrejt xi griehi fejn qed nurik f'ghajnejja u f'imniehi pero' ma mortx ghand tabib.'

Il-griehi ta' Andrea Gatt jidhru fir-ritratti dokument AG1-10. Gie esebit dokument AG13 certifikat mediku rilaxxat minn Dr Farrugia, li kklassifika l-griehi ta' natura gravi.

PC 779 Gaetano Borg, a fol 15, ikkonferma l-istqarrija tal-imputat dokument RD1.

Andrea Gatt, a fol 17 et seq, xehed illi fid-data ndikata fic-citazzjoni, kien il-Marsa miexi meta l-imputat hebb ghalih. Andrea Gatt jghid illi l-imputat kien gie gor-raba' tieghu kif kien jaghmel is-soltu, u kienu llatikaw xi zmien qabel u Andrea Gatt iddecieda li ma jridux jibqa' tiela' fir-raba' tieghu u tah din l-informazzjoni. Meta qallu dan il-kliem, Andrea Gatt jghid li beda miexi 'l quddiem, meta gie ghall-gharrieda minn warajh l-imputat, u tah daqqa ta' bastun go wiccu (ara fol 18). Gatt jghid li stordieh u waqa' mal-art u waqt li kien mal-art baqa' jtih. Gatt jghid illi rnexxielu jqum meta l-imputat rega' capcaplu daqqa ohra, Gatt laqaghlu b'idejh, u rnexxielu jehodlu l-bastun. Hawnhekk, l-imputat hareg mus u qallu kliem 'issa b'dan noqtlok', u tah daqqa b'mus go rasu. Illi kien hemm tlett Inglizi li tawh l-ghajnuna, cemplu ghall-ambulanza u haduh l-isptar.

Andrew Gatt esebixxa r-ritratti dokument AG1-12, li juru l-griehi subiti, u esebixxa dokument AG13 ic-certifikat mediku, rilaxxat minn Dr Konrad Borg. Xehed illi sofra minn fratturi tal-ghadam ta' ghajnejh, u li gew implikati n-nervaturi tal-wicc tant illi kellu parti sostanzjali ta' wiccu mejjet. Muri l-esebit RD l-ghaslug, Gatt jghid li dan kien il-bastun illi kien irnexxielu jiehu minn id l-imputat, u li sussegwentement ghaddiha lill-Pulizija. Ghar-rigward tal-mus, Andrea Gatt jghid li l-mus kien zghir bhal wiehed li jiekol il-hobz bih. Andrea Gatt jghid li minkejja x-xeba' li qala' u minkejja l-fatt li kien stordut, huwa ma ntilifx minn sensih, u jiftakar li kien f'sensih sakemm ma' dahal fl-ambulanza. Andrea Gatt jinnega li kien hu li avvicina lill-imputat.

PS 160 Mario Mifsud, a fol 28, ikkonferma li rcieva rapport minn Dr Konrad Borg mill-Isptar San Luqa, fejn iddahhal certu Andrea Gatt, li kellu tbengil u daqqiet ma' gismu kollu. Li ghalhekk, is-Surgent kien acceda ghall-isptar, u kellem lil Gatt, li qallu li kellu tilwima ma' Joe Grech, u li dan kien ghajjru u qabad itih b'ghaslug fuq ghajnejh il-leminija, u mbaghad wara tah ukoll b'mus fuq rasu.

Illi ghaldaqstant, gie mitkellem l-imputat l-ghassa ta' Rahal Gdid, fejn l-imputat ammetta li kellu argument ma' Gatt dwar kif isir ix-xoghol tar-raba' ftit qabel, li Gatt kien offendih u ghaldaqstant, l-imputat offendieh lura, fejn Gatt li kellu hadida f'idejh, ipprova jattakkah. L-imputat stqarr mas-Surgent illi huwa rnexxielu jehodielu minn idejh u ramiha. L-imputat jghid li Gatt wara dan, qabad zokk biex jaghtih biha, Grech hadulu minn idu, u xejjirlu daqqa bih u telaq.

L-okkorrenza giet esebita u mmarkata bhala dokument MM a fol 33 et seq.

Dr Pierre Farrugia, a fol 36, ikkonferma illi kien huwa li ezamina lil Andrea Gatt fid-Dipartiment tal-Emergenza, ikkonferma ic-certifikat dokument AG13, u sab li l-griehi li kien qed isofri bihom kienu s-segwenti, 'hematoma right eye', brix fuq in-naha ta' barra tal-ghajn, emoragija zghira

fuq in-naha tal-abjad tal-ghajn, tbengila fuq in-naha ta' barra u fuq il-gilda li qeghda mdawwra l-ghajn innifisha.

Dr Farrugia jghid li l-vista ta' Gatt ma kinitx kompromessa, u li l-pressjoni gol-ghajn kienet tajba. Saritlu CT Scan, fejn gie misjub li kellu ksur fuq in-naha tal-ghadma tal-haddejn 'zygomatic bone'. Dr Farrugia kklassifika l-griehi bhala 'grevious' per durata minhabba l-ksur, u kkonferma illi l-griehi kienu kompatibbli ma' waqa' jew daqqa, 'blunt injury'.

Dr Konrad Borg, permezz tal-affidavit a fol 46, ikkonferma li huwa kien ezamina lil Andrea Gatt fl-Emergenza tal-Isptar, fit-18 ta' Mejju 2002, u kkonferma l-griehi sofferti u kklassifikahom bhala ta' natura gravi.

L-imputat, minn naha tieghu a fol 50, jghid illi huwa u Andrea Gatt kienu jafu lil xulxin ghal zmien konsiderevoli, anzi kienu trabbew flimkien, u jghid li kellhom argument zghir xi gimghat qabel id-data tal-akkuza, fuq xi kumment dwar ix-xoghol tar-raba' da parti ta' Grech, fejn jidher li Gatt ha ghalih u beda jkellmu hazin. Xi gimgha wara dan l-argument, l-imputat jghid illi ra lil Andrea u sellimlu, meta dan beda jkellmu hazin, ixejjirlu b'virga tal-hadid, u laqtu fi mniehru. L-imputat jghid li huwa ssara mieghu biex jehodhielu, x'hin gibidha u hadhielu, Gatt u hu (l-imputat), waqghu fil-wied. L-imputat jghid li rnexxielu jiehu l-virga tal-hadid minn idejn Gatt u ramiha, illatikaw naqra u mbaghad 'qabad it-triq u telaq'.

Mitlub jghid jekk kemm-il darba kienx hemm xi ghaslug kbir involut f'din il-glieda, l-imputat jghid, a fol 55, 'le jien ma kellix zokk lanqas hu.' Mitlub jghid kienx hemm xi mus involut fil-glieda, l-imputat jinnega wkoll. Muri r-ritratti dokument AG1-12, u cioe' l-feriti li sofra Andrea Gatt, l-imputat jghid 'le ma kienx hekk.' A fol 56, l-imputat gie mistoqsi repetutament kemm-il darba qabadx ghaslug u habat ghal Andrea Gatt u l-imputat repetutament innega li ghamel dan, kif innega li qabad mus ghalih. L-imputat jammetti wkoll li hu ma marx jaghmel rapport fl-ghassa tal-Pulizija. Rinfaccjat bir-ritratti AG1-12 tal-griehi sofferti minn Gatt, l-imputat jghid illi Gatt ma kellux dawk il-griehi

wara l-iskontru li kellhom bejniethom, ghaliex altrimenti zgur ma kienx ser jimxi wahdu ‘l hemm wara dawk il-griehi. Rinfaccjat bil-fatt illi Andrea ta l-ghaslug lill-Pulizija u l-fatt li l-virga tal-hadid imsemmija minnu ma nstabitx, l-imputat jibqa’ jsostni illi l-virga tal-hadid kienet il-Marsa.

Godwin Gatt, a fol 71, ikkonferma illi zijuh Andrea Gatt kien widdeb lill-imputat biex ma jergax jitlaghlu fl-ghalqa. Godwin Gatt xehed li qabel dan l-imputat Joe Grech kien ta’ sikwit jitla’ fl-ghelieqi fejn kienu jkunu qeghdin jahdmu Andrea Gatt u Godwin Gatt u joqghod hemmhekk jithaddet maghhom. Illi darba minnhom inqala’ argument bejniethom fuq kif isir ix-xoghol tar-raba’, u Andrea Gatt avza’ lill-imputat biex ma jersaqlux aktar ‘l hemm u Joseph Grech qabad u telaq. Sussegwentement, sar jaf li kien wegga’ Andrea Gatt u filfatt mar jarah l-isptar, u kien hemmhekk illi Gatt qallu li kien qala’ xeba’ minghand l-imputat Joe Grech.

Ikkunsidrat:-

Illi dan il-kaz jipperneja fuq kwistjoni ta’ kredibilita’ tal-verzjonijiet moghtija mill-kwerelant fuq naha wahda, u tal-imputat fuq in-naha l-ohra. Illi l-Artiklu 637 tal-Kap 9 tal-Kodici Kriminali, huwa Artiklu tal-ligi li jiggwida lill-gudikant f’kazijiet simili. Dan l-Artiklu jipprovdi s-segwenti:

*‘L-eccezzjonijiet dwar wahda jew ohra mir-ragunijiet imsemmijin fl-Artikli 630, 633 u 636, jolqtu biss il-kredibbilita’ tax-xhud, u fuq din, id-decizjoni tithalla fid-diskrezzjoni ta’ min ghandu jiggudika l-fatti, billi jittiehed qies tal-imgieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xhieda ghandhiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta’ fattizzi ohra tax-xhieda tieghu, u jekk ix-xhieda hix imsahha minn xhieda ohra, u tac-cirkostanxi kollha tal-kaz.’*

Illi, din il-Qorti, wara li wiznet il-komportament tal-kwerelant u tal-imputat, hi tal-fehma illi l-verzjoni moghtija mill-kwerelant hija dik li hija kredibbli, dik li hija vero simili u li ghandha mis-sewwa. Dan qieghed jinghad ghaliex l-imputat minkejja l-fatt illi quddiem din il-Qorti jghid illi huwa

ma aggrediex lill-kwerelant Gatt b’zokk u lanqas ma’ tah b’mus, kif del resto jghid fl-istqarrija tieghu dokument RD1 **a fol 13, fl-okkorrenza dokument MM a fol 33 et seq, jallega xi haga kompletament diversa**. Infatti, fil-verzjoni moghtija mill-imputat a tempo vergine lis-Surgent 160 Mifsud, fl-okkorrenza li tinstab a fol 35, kif konfermata mix-xhieda tal-istess Surgent PS 160 Mifsud a fol 28 et seq, jirrizulta s-segwenti:

**‘Illum il-Pulizija kellmet lil Joseph Grech fl-ghassa ta’ Rahal Gdid, fejn dan qal li l-bierah, ghall-habta ta’ xi 17.30hrs, kien qieghed il-Marsa Grounds, fejn ra lil Gatt u dan qallu jekk hux kollox sewwa, peress illi xi tlettax-il gimgha ilu kellhom xi argument fl-ghalqa ta’ Gatt, u dan minn naha tieghu offendih u Grech offendih lura. Gatt kellu hadida f’idejh fejn ipprova jattakka lil Grech, dan hadhielu minn idejh u ramiha, u wara Gatt qabad zokk biex jaghti bih lil Grech. Dan hadulu wkoll u xejjirlu daqqa bih u telaq.’**

Illi ghaldaqstant, mhix kredibbli addirittura l-amnezija totali tal-imputat dwar il-prezenza tal-ghaslug, u l-attakk permezz tal-istess ghaslug fuq il-kwerelant Gatt.

Illi l-Prosekuzzjoni rnexxielha tipprova skond il-ligi l-klassifika tal-griehi permezz taz-zewg tobba Dr Farrugia u Dr Borg, li t-tnejn ikklassifikaw il-griehi bhala gravi, Dr Farrugia jikklassifika l-griehi sofferti minn Andrea Gatt gravi per durata, stante li kienet tinvolvi l-frattura tal-‘zygomatic bone’.

Illi l-Artiklu 216 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, jipprovdi:

*‘A bodily harm is deemed to be grievous and is punishable with a terminal imprisonment from three months to three years, (d) if it causes any mental or physical infirmity lasting for a period of thirty days or more; or if the party injuries incapacitated for a like period from attending to occupation.’*

Illi fratturi tal-ghadam ifiequ fi zmien aktar minn tletin gurnata. Id-Difiza, ghajr li tinnega li fl-incident intuza ghasluq, ma qajmet ebda linja difensjonali ohra.

Illi minkejja illi din il-Qorti temmen il-verzjoni moghtija mill-kwerelant bhala dik li ghandha mis-sewwa, (u ghaldaqstant, temmen li ntuza mus u ghaslug mill-imputat fil-glieda mal-kwerelant Gatt), il-Qorti gharrfet illi l-Prosekuzzjoni naqset illi tipprova n-nuqqas o meno ta’ licenzja tal-Pulizija fil-konfront tal-imputat.

Illi ghal dawn il-motivi, il-Qorti ssib lill-imputat hati tal-ewwel akkuza, b’assorbiment tar-raba’ u l-hames akkuza, mhux hati tat-tieni u t-tielet akkuza li minnhom qed tilliberah, u wara li rat l-Artiklu 216(1)(d), tikkundannah ghal perjodu ta’ prigunerija ta’ sentejn. Din il-piena qed tigi inflitta fuq l-imputat wara li l-Qorti hadet in konsiderazzjoni assiem shih tal-fatti kollha tal-kaz, inkluz il-fedina penali tal-imputat, fejn jidher li kien diga’ nghata sentenza sospiza ghall-kummissjoni ta’ feriti ta’ natura gravi fuq persuna ohra. Ghaldaqstant, din il-Qorti ma tistax tikkunsidra piena alternattiva ghajr dik ta’ prigunerija.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------